# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 11/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RB mizzewga C**

**Vs**

**FC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' **RB** datat 10 ta' Jannar 2020 a fol 1 et seq tal-proċess, li jaqra hekk:

1. *Illi l-konjugi ikkontrattaw iż-żwieġ fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, elf disa mija disgħa u sebgħin (1979) liema żwieġ hu reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta taħt in-numru progressiv 581/1979 Dok A;*

2. *Illi l-partijiet għandhom tifel bl-isem R bil-kunjom C li llum hu maġġorenni;*

3. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat minn nutar Dr Nicholas Vella fl-10 ta' Awwissu 2000, Dok B.*

4. *Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu irregolaw is-separazzjoni skond l-imsemmi kuntratt hawn fuq indikat fosthom fejn ġie indikat id-dekadenza mid-dritt ta' manteniment għal xulxin.*

5. *Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.*

6. *Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmijin Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni mhuwiex meħtieġ illi issir medjazzjoni bejniethom.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob, bir-rispett, illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B:-*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' **FC** datata 25 ta' Mejju 2020 (fol 12) fejn dan irrisponda hekk:-

*Illi l-esponenti jopponi t-talba tar-rikorrenti sabiex jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet billi ir-rikorrenti qatt ma ħallset manteniment lill-esponent versu l-bżonnijiet ta' binha RC u għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 f'dan il-każ mhumiex sodisfatti.*

*Illi għal din it-talba tar-rikorrenti, l-esponent ma għandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri, liema spejjez għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bl-affidavit;

Rat illi permezz tal-verbal datat 26 ta' Gunju 2020, vide fol 44, l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RB** xehdet bl-affidavit (dok RB fol 17) fejn essenzjalment u in suċċint hija xehdet illi hija iżżewġet lil FC fil-31 ta' Marzu 1979, u minn dan iż-żwieġ twieled tifel, illum maġġorenni. Illi dan iz-zwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw legalment. Xehdet ukoll illi llum il-ġurnata hija qiegħda f'relazzjoni ma' raġel ieħor.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 1979 (Vide fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel wieħed illum maġgorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, datat 10 ta' Awwissu 2000 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi in vista tar-rinunzja tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti, wara li semghet t-trattazzjoni fuq il-kap tal-ispejjes, tqis li ma hemmx raguni impellanti ghaliex ghandha tordna altru milli l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**